ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 18/2011**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 5 ta' Settembru 2011**

**Ħin: Fid-9.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Il-Kav. Carmelo Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur George Sacco kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Iċ-Chairperson qalet sejħet din il-laqgħa b' urġenza biex tkun diskussa l-*one way* ta' Triq il-Qbajjar u l-i*skips on wheels* tal-*car park* ta' Marsalforn.

## IL-*ONE WAY* TA' TRIQ IL-QBAJJAR

Is-Sur Refalo qal f' waħda mill-aħħar laqgħat tal-Kumitat, ittieħdet deċiżjoni li jsir *double yellow line* fi Triq il-Qbajjar. Staqsa kif wara ttieħdet id-deċiżjoni li Triq il-Qbajjar issir *one way*?

Wara diskussjoni fit-tul, dwar il-*one way* ta' Triq il-Qbajjar kien hemm qbil li Triq Manwel Magro ssir *one way* fid-direzzjoni lejn Triq il-Qolla s-Safra (biex tikkkumplimenta Triq il-Qbajjar).

## IS-SERVIZZ TA' L-I*SKIPS ON WHEELS*

Iċ-Chairperson qalet li l-Ministeru għal Għawdex qed jitolbu biex l-i*skips on wheels* tal-*car park* jitneħħew u jitpoġġew f' post alternattiv għax fejn qegħdin huma ta' 'eyesore'.

Iċ-Chairperson għarrfet lill-Kamra li kien avviċinaha wkoll ta' Godnic u talabha biex ipoġġi żewġ settijiet ta' *bins* għas-separazzjoni tal-iskart tal-ħwienet; sett jitpoġġa fil-Menqa u ieħor fl-inħawi tal-wied.

Kien hemm qbil li l-i*skips on wheels* tal-*car park* jitniżżlu maġenb il-bini tal-latrina pubblika u l-*bring-in site* tinżamm fl-istess post.

Ma kienx hemm qbil li jieqaf is-servizz tal-i*skips on wheels* ġewwa Marsalforn.

Il-Viċi Chairperson issuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-Awtorita' tat-Turiżmu biex meta jsir it-tiġdid tal-liċenzji tal-istabbilimenti tal-ikel, l-operaturi jintalbu kopja tal-kuntratt li jkollhom mal-kollettur tal-iskart u kopja tal-irċevuti għas-sena preċedenti.

Il-laqgħa ntemmet fil-11.15 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Maria Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |